



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.1.2018
COM(2018) 36 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport dwar l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ('SĠP') li jkopri l-perjodu 2016-
2017**

{SWD(2018) 23 final} - {SWD(2018) 24 final} - {SWD(2018) 25 final} -
{SWD(2018) 26 final} - {SWD(2018) 27 final} - {SWD(2018) 28 final} -
{SWD(2018) 29 final} - {SWD(2018) 30 final} - {SWD(2018) 31 final} -
{SWD(2018) 32 final}

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport u d-dokument ta' ħidma tal-persunal¹ li jakkumpanjah jivvaluta l-effetti tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ('SĠP') matul is-snin 2016-2017, b'fokus fuq il-prestazzjoni tal-benefiċjarji tal-SĠP+. Skont ir-Regolament SGP² dan ir-rapport għandu jiġi ppreżentat kull sentejn lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Permezz tal-SĠP, l-UE tkompli tibqa' fuq quddiem nett takkumpanja lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex jiksbu żvilupp sostenibbli permezz tal-magni ekonomiċi tal-kummerċ. Il-preferenzi kummerċjali bħala faċilitaturi biex jippromwovu l-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali u l-ħarsien ambjentali huma parti integrali tal-istrategġija tal-Kummissjoni *Kummerċ għal kull add*. Aċċess ġeneruż għas-suq tal-UE jippermetti lill-benefiċjarji tal-SĠP jiġġeneraw dħul addizzjonali permezz tal-kummerċ internazzjonali u jikkontribwixxi għall-isforzi tagħhom għat-tnaqqis tal-faqar u għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-governanza tajba.

1.1. Tliet arranġamenti fl-SĠP

L-SĠP għandha tliet arranġamenti differenti ta' preferenza kummerċjali, li ġew stabbiliti fid-dettall fir-rapport dwar l-SĠP tal-2016⁴ u huma ppreżentati fil-qosor hawn taħt:

- L-arranġament ġenerali ('**SĠP Standard**') jagħti tnaqqis fid-dazji għal madwar 66% tal-linji tariffarji kollha tal-UE lil pajjiżi bi dħul baxx jew medju baxx⁵, li ma jibbenefikawx minn aċċess preferenzjali kummerċjali ieħor għas-suq tal-UE. Matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017 kien hemm 23 benefiċjarju tal-SĠP Standard (ara Table 1).
- L-arranġament speċjali dwar l-inċentiv għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Governanza Tajba ('**SĠP+**') jagħti sospensjoni sħiħa tad-dazji għal essenzjalment l-istess 66% tal-linji tariffarji bħall-SĠP Standard lil pajjiżi vulnerabbli eliġibbli f'termini ta' diversifikazzjoni ekonomika u volumi ta' esportazzjoni. Min-naħa tagħhom, il-pajjiżi benefiċjarji jridu jirratifikaw u jimplementaw b'mod effettiv 27 konvenzjoni internazzjonali ewlenin, kif elenkat fir-Regolament SGP, li jkopru d-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-ħarsien tal-ambjent u l-governanza tajba. Matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017, kien hemm 10 benefiċjarji tal-SĠP+ (ara t-Tabella 2).
- L-arranġament speċjali Kollox Ħlief Armi ('**EBA**') jagħti aċċess sħiħ mingħajr dazju u mingħajr kwoti għall-prodotti kollha ħlief l-armi u l-munizzjon għal pajjiżi

¹ L-ewwel rapport biennali dwar l-SĠP li jkopri s-snin 2014 u 2015 ġie ppubblikat f'Jannar 2016: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/january/tradoc_154180.pdf.

² Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

³ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2015/october/tradoc_153846.pdf


⁴ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/january/tradoc_154180.pdf

⁵ <http://databank.worldbank.org/data/download/site-content/CLASS.xls>

kklassifikati min-NU bħala Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti ('LDCs'). Minbarra fil-każ tal-SĠP Standard u tal-SĠP+, il-pajjiżi ma jtilfux l-istatus ta' EBA meta jidħlu fi Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) mal-UE. Matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017, kien hemm 49 benefiċjarju tal-EBA (ara Table 3).


Fl-2016, fl-UE daħlu EUR 62.6 biljun f'importazzjonijiet taħt il-preferenzi SĠP maqsuma kif ġej: EUR 31.6 biljun minn pajjiżi fl-SĠP Standard, madwar EUR 7.5 biljun minn benefiċjarji tal-SĠP+ u EUR 23.5 biljun minn pajjiżi fl-EBA (id-dettalji huma mogħtija fit-Tabelli 4 - 7)⁶.

Il-Figuri 1 u 2 hawn taħt jagħtu ħarsa ġenerali lejn l-importazzjonijiet taħt it-tliet arranġamenti tal-SĠP.




⁶ Sors għall-istatistika kollha f'dan ir-rapport: Data tal-Eurostat minn Settembru 2017. L-importazzjonijiet totali minn pajjiżi terzi jistgħu jkunu aktar baxxi mill-importazzjonijiet totali reali minħabba l-esklużjoni ta': kummerċ kunfidenzjali, il-kapitolu 99 tan-NM li mhuwiex parti mill-ftehimiet dwar l-SĠP, u kummerċ għal ipproċessar attiv u passiv.

Fig. 2 - Importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE taħt l-SĠP Standard, l-SĠP+ u l-EBA, 2016 (f'eluf ta' EUR)




Kif muri fil-Figura 3, iż-żewġ pajjiżi li jirrappreżentaw l-akbar parti tal-importazzjonijiet kollha tal-UE minn benefiċjarji tal-SĠP (inklużi importazzjonijiet mhux tal-SĠP) huma l-Indja u l-Vjetnam – it-tnejn benefiċjarji tal-SĠP Standard. It-tielet l-akbar huwa l-Bangladesh, benefiċjarju tal-EBA.

Fig. 3 - Importazzjonijiet totali lejn l-UE (inklużi importazzjonijiet mhux taħt l-SĠP) mill-benefiċjarji kollha tal-SĠP, 2016 (f'eluf ta' EUR)



Il-Figura 4 turi li l-Indja, il-Bangladesh u l-Vjetnam huma wkoll l-akbar tliet benefiċjarji abbażi ta' importazzjonijiet preferenzjali tal-SĠP biss.

Fig 4 - Importazzjonijiet preferenzjali totali lejn l-UE mill-benefiċjarji kollha tal-SĠP, 2016 (f'eluf ta' EUR)



2. L-ARRANĠAMENT SĠP STANDARD

Matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017, 23 pajjiż ibbenefikaw mill-SĠP Standard (Tabella 1). F'dan il-perjodu, ħames pajjiżi telqu mill-SĠP Standard minħabba tibdil fl-aċċess tagħhom għas-suq tal-UE (kopert minn FTA) jew fl-istatus ekonomiku tagħhom (klassifikazzjoni mill-Bank Dinji bħala pajjiż bi dħul medju superjuri jew oġhla għal tliet snin konsekuttivi). Il-Figura 5 hawn taħt turi t-tqassim tal-importazzjonijiet preferenzjali⁷ lejn l-UE taħt l-iskema SĠP Standard fl-2016.

L-Indja


Mill-2014 'il quddiem, diversi taqsimiet ta' prodotti, inklużi t-tessuti, ġew iggradwati mill-SĠP minħabba li ma baqgħux jikkwalifikaw għall-preferenzi kummerċjali tal-SĠP. Minkejja l-gradwazzjoni, l-Indja għadha l-akbar esportatur lejn l-UE taħt l-SĠP. Fl-2016, l-Indja esportat tessuti u ħwejjeġ lejn l-UE f'valur ta' EUR 7.6 biljuni, li minnhom EUR 5.7 biljuni taħt l-SĠP Standard.

Il-Vjetnam

Fl-2016, il-Vjetnam kien jirrappreżenta 23% tal-importazzjonijiet totali mill-benefiċjarji kollha tal-SĠP standard flimkien. Meta wieħed iħares biss lejn l-importazzjonijiet tal-SĠP mill-Vjetnam, ix-xedd tas-saqajn kien jirrappreżenta kważi 40%.

Il-lista tat-taqsimiet tal-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP Standard tiġi riveduta kull tliet snin. L-aħħar reviżjoni saret fl-2016, li wasslet għal lista riveduta ta' taqsimiet tal-prodotti li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017⁸. Prodotti li ma kinux għadhom jeħtieġu l-appoġġ tal-preferenzi tal-SĠP tneħħew mil-lista tal-prodotti.

Fig 5 - Importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE taħt l-SĠP Standard, 2016 (f'eluf ta' EUR)




⁷ Importazzjonijiet preferenzjali huma l-importazzjonijiet eliġibbli li għalihom effettivament intużaw il-preferenzi tal-SĠP.

⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/330 tat-8 ta' Marzu 2016 (ĠU L 62, 9.3.2016, p.9)

3. L-ARRANĠAMENT EBA

L-EBA huwa l-istrument kummerċjali ewlieni tal-UE mfassal biex jgħin lill-pajjiżi l-aktar foqra u l-aktar fil-bżonn fid-dinja, l-LDCs, jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet kummerċjali. Matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017 kien hemm 49 benefiċjarju tal-EBA (ara t-Tabella 3).

Il-Figura 6 tipprovdi tqassim tal-valur u tal-perċentwal ta' importazzjonijiet preferenzjali mill-benefiċjarji tal-EBA matul l-2016. L-akbar sehem ta' importazzjonijiet tal-EBA ġie mill-Bangladexx (66%), segwit mill-Kambodja (18%).



3.1. Involvement imsaħħaħ ma' ċerti benefiċjarji tal-EBA

Kif hemm iddikjarat fl-istrateġija tal-Kummissjoni *Kummerċ* *għal* *Kuħ add.* l-UE tista' tirtira temporanjament il-preferenzi SĠP jew EBA Standard f'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari f'każ ta' ksur serju u sistematiku tal-prinċipji stabbiliti fil-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tal-ħaddiema elenkati fir-regolament tal-SĠP.

Permezz ta' involviment imsaħħaħ, l-UE intensifikat id-djalogu ma' xi pajjiżi tal-EBA biex jinsistu dwar azzjonijiet konkreti u soluzzjonijiet sostenibbli fir-rigward ta' nuqqasijiet serji fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol. Jekk id-djalogu jonqos milli jipproduċi riżultati, l-UE tibqa' lesta, bħala l-aħħar għażla, li tnedi l-

Il-Myanmar
Il-Myanmar reġa' ġie stabbilit bħala benefiċjarju tal-EBA fl-2013, bħala rikonoxximent tal-isforzi tiegħu għat-tmedija ta' riformi ambizzjużi fil-qasam politiku, soċjali u tax-xogħol. Is-sitwazzjoni umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem reċenti fl-Istat ta' Rakhine hija estremament serja. L-UE ħeġġet lill-Gvern tal-Myanmar biex jagħti aċċess umanitarju sħiħ u jippermetti r-ritorn sigur, volontarju u dinjituż tar-refuġjati kollha. L-UE appellat lill-Myanmar biex isib soluzzjoni fit-tul għall-kwistjonijiet strutturali fl-Istat ta' Rakhine, f'konformità mal-impenji internazzjonali tiegħu u r-rispett lejn ir-rekwiżiti tal-EBA.

proċedura tal-irtirar tal-SĠP b'kunsiderazzjoni xierqa għall-impatt ekonomiku u soċjali ta' dan l-irtirar.

Fir-rigward tal-Myanmar, l-UE, flimkien mal-Istati Uniti, il-Ġappun, id-Danimarka u l-ILO, hija parti mill-*“Inizjattiva għal Titjib tad-Drittijiet u tal-Prattiki tax-Xogħol fil-Myanmar”* imfassla biex tiġi promossa l-konformità mal-istandards internazzjonali tax-xogħol tal-ILO u prattiki kummerċjali responsabbli. Dan il-forum tal-partijiet interessati internazzjonali jgħin sabiex tingħata prijorità lill-proċess ta' riforma tal-liġi tax-xogħol fil-Myanmar u sabiex jitrawmu r-relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali.

Wara deterjorament fis-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol fil-Bangladesh u fil-Kambodja, il-Kummissjoni u l-SEAE involvew ruħhom b'mod aktar attiv ma' dawn iż-żewġ pajjiżi u involvew partijiet interessati rilevanti, inklużi NGOs, CSOs, organizzazzjonijiet internazzjonali, imsieħba soċjali u negożji.

Il-Bangladesh

L-EBA kkontribwixxa għall-iżvilupp soċjoekonomiku tiegħu billi ġġenera miljuni ta' opportunitajiet ta' impjieg fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti biex jintlibsu fejn il-maġġoranza l-kbira tal-ħaddiema huma nisa. Madankollu, dan għandu jimxi id f'id mar-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tax-xogħol, b'mod partikolari l-libertà ta' assoċjazzjoni, sabiex jikkontribwixxi għal aktar prosperità u xogħol deċenti. L-UE trid tara titjib reali u sostnut biex jiġu evitati passi ulterjuri.

Fil-Bangladesh, il-Kummissjoni qajmet tħassib dwar id-drittijiet tax-xogħol, b'mod partikolari l-libertà ta' assoċjazzjoni u l-implimentazzjoni tal-inizjattiva konġunta magħrufa bħala l-*“Patt għal Titjib Kontinwu fir-rigward tad-Drittijiet tax-Xogħol u s-Sikurezza tal-Fabbriki fl-Industrija tal-Ilbies Lest u tal-Maljerija fil-Bangladesh”*. B'mod partikolari l-UE qajmet l-allinjament tal-Att dwar ix-Xogħol tal-Bangladesh (BLA) u l-Att dwar iż-Żona tal-Ipproċessar tal-Esportazzjonijiet (EPZ) mal-konvenzjonijiet tad-drittijiet tax-xogħol tal-ILO bħala wieħed mill-azzjonijiet prijoritarji.

Il-Kambodja

L-UE qed tinvolvi ruħha mal-Kambodja biex jiġu indirizzati kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-bniedem relatati ma' tilwim dwar l-art ikkawżat minn konċessjonijiet dwar il-kannamieli u kwistjonijiet dwar id-drittijiet tax-xogħol, b'mod partikolari l-libertà ta' assoċjazzjoni. L-UE trid tara titjib reali u sostnut, biex jiġu evitati passi ulterjuri.

Mal-Kambodja, l-UE ħeġġet lill-Gvern biex jistabbilixxi mekkaniżmu indipendenti u trasparenti biex jiġu trattati talbiet għal kumpens li jirriżultaw mill-ġhoti ta' Konċessjonijiet Ekonomiċi tal-Art (ELCs) għal pjantaġġuni tal-kannamieli.

Involvement imsaħħaħ huwa primarjament ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet disponibbli tal-ILO u ta' korpi oħra tan-NU li jimmonitorjaw il-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol. L-użu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet jippermetti mod oġġettiv u trasparenti biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali meħuda.

Il-proċess għen sabiex tiżdied il-pressjoni fuq il-gvernijiet sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tħassib, u qed iwassal għal xi żviluppi pożittivi. B'mod parallel, il-kwistjonijiet tqajmu b'mod koerenti u koordinat permezz tal-kanali rilevanti kollha (bħal kumitati tal-kummerċ, djalogi politiċi jew dwar id-drittijiet tal-bniedem).

Il-progress huwa inkoraġġanti. Madankollu, bħala l-aħħar għażla, l-UE lesta tniedi l-proċedura tal-irtirar tal-SĠP, f'każ li l-isforzi kostruttivi tagħna permezz tad-djalogi ma jipproduċux riżultati sodisfaċenti. Deċiżjoni bħal din se tagħti konsiderazzjoni xierqa lill-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u umani negattivi relatati mal-irtirar potenzjali tal-preferenzi tal-SĠP.

4. L-ARRANĠAMENT SĠP+

L-SĠP+ hija waħda mill-għodod primarji tal-UE għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli f'pajjiżi vulnerabbli li qed jiżviluppaw. Il-pajjiżi fl-SĠP+ jibbenefikaw minn kummerċ aktar faċli mal-UE, bil-kundizzjoni li jimplementaw b'mod effettiv is-27 konvenzjoni internazzjonali ewlenin dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-governanza tajba.

4.1. Benefiċjarji tal-SĠP+


Il-perjodu ta' rapportar 2016-2017 ikopri 10 benefiċjarji tal-SĠP+: L-Armenja, il-Bolivja, Cape Verde, il-Georgia, il-Kirgiżistan, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Paragwaj, il-Filippini u s-Sri Lanka (ara t-Tabella 2).

Fl-1 ta' Jannar 2017, il-Georgia ma baqgħetx tibbenefika mill-SĠP+, peress li kisbet aċċess preferenzjali għas-suq taħt Ftehim ta' Kummerċ Ħieles Approfondit u Komprensiv (DCFTA) mal-UE. Il-Kirgiżistan sar benefiċjarju tal-SĠP+ ftit wara l-bidu tal-perjodu ta' rapportar (Jannar 2016). Is-Sri Lanka reġgħet daħlet fl-SĠP+ f'Mejju 2017, wara li kienet tneħħiet fl-2010. Ikklassifikat għal tliet snin konsekuttivi mill-Bank Dinji bħala pajjiż bi dħul medju superjuri, il-Paragwaj se jitlaq mill-SĠP+ fl-1 ta' Jannar 2019.

Il-Grafika 7 ta' hawn taħt tippreżenta l-valur ta' importazzjonijiet preferenzjali⁹ minn pajjiżi SĠP+ fl-2016. L-akbar sehem kien tal-Pakistan, li kien jirrappreżenta 74% tal-importazzjonijiet kollha taħt l-SĠP+.

⁹ Importazzjonijiet preferenzjali huma importazzjonijiet eliġibbli li għalihom effettivament intużaw il-preferenzi tal-SĠP+.

Fig. 7. - Importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE taħt l-SĠP+, 2016 (f'eluf ta' EUR)



4.2. Monitoraġġ tal-SĠP+

L-SĠP+ hija bbażata fuq il-kunċett ta' żvilupp sostenibbli. Meta jissieħbu fl-SĠP+, il-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw b'mod effettiv is-27 konvenzjoni ewlenija filwaqt li min-naħa tagħhom jiksibu aċċess aħjar għas-suq tal-UE.

Il-benefiċjarji tal-SĠP+ huma mistennija juru responsabbiltà u impenn politiku u – l-aktar importanti – li jkomplu jtejbju dejjem aktar il-konformità tagħhom tul iż-żmien, minkejja n-nuqqasijiet identifikati.

Fil-monitoraġġ tal-SĠP+, l-UE tinvolvi ruħha mal-pajjiż benefiċjarju f'kull qasam fejn l-implimentazzjoni ma tkunx sodisfaċenti.

4.2.1. *Involviment mal-partijiet ikkonċernati*

L-oneru tal-provi għall-konformità mal-impenji vinkolanti tal-SĠP+ huwa tal-pajjiż benefiċjarju¹⁰. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-UE tkun tista' tivvaluta l-konformità tagħhom mal-SĠP+. Il-valutazzjoni tal-UE tiddependi primarjament fuq l-aktar rapporti u rakkomandazzjonijiet reċenti minn korpi ta' monitoraġġ internazzjonali, bħall-ILO u n-NU. L-UE tinvolvi ruħha b'mod attiv ma' dawn l-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari minħabba li r-rapporti tan-NU jinħarġu kull 4-5 snin, li huwa intervall itwal miċ-ċiklu ta' rapportar ta' sentejn dwar l-SĠP+. Il-laqgħat mal-korpi ta' monitoraġġ tan-NU u tal-ILO, u mar-rappreżentanti lokali tagħhom, isiru qabel u waqt il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+ tal-UE.

Barra minn hekk, l-UE tagħmel użu minn firxa wiesgħa ta' informazzjoni oħra u tiltaqa' ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs), fosthom trade unions, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, negozji u dawk li jħaddmu qabel u waqt il-missjonijiet ta' monitoraġġ, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiż benefiċjarju. F'Ġunju 2017 ġie organizzat Djalogu mas-Soċjetà Ċivili

Il-Bolivja

Il-Bolivja kompliet tagħmel progress sostanzjali fl-implimentazzjoni effettiva tal-impenji tad-drittijiet tal-bniedem fl-2016-2017, minkejja s-sitwazzjoni soċjoekonomika ġenerali. B'mod partikolari, il-Bolivja għamlet sforzi biex teqred il-faqar, ittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni, għas-saħħa, għall-ikel u għall-akkomodazzjoni u tindirizza kwistjonijiet marbuta mas-saħħa riproduttiva. Madankollu, tħassib ewlieni għadu l-età minima għall-ammissjoni għax-xogħol, li mhijiex kompatibbli mal-Konvenzjoni 138 tal-ILO.

Il-Pakistan

Kien hemm żviluppi pożittivi fit-tiġid tal-qafas tad-drittijiet tal-bniedem u azzjonijiet leġiżlattivi dwar id-drittijiet tan-nisa, tat-tfal, tal-minoranzi u tax-xogħol, b'leġiżlazzjoni ppjanata dwar, fost oħrajn, it-tortura, il-ġustizzja għall-minorenni u d-drittijiet tal-persuni transġeneri. Madankollu, dawn l-oqsma, kif ukoll l-użu tat-tortura, l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, il-prevalenza għolja tat-tħaddim tat-tfal u l-libertà tal-espressjoni joħlqu tħassib serju. Għalhekk is-sitwazzjoni ġenerali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem hija waħda mħallta u l-Pakistan għandu jżid l-isforzi tiegħu biex jiġi żgurat l-infurzar u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Is-Sri Lanka

Is-Sri Lanka ħadet passi importanti għal titjib fil-governanza u fir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem. Is-Sri Lanka qed tinvolvi ruħha tajjeb mas-sistema tan-NU. Madankollu, il-Gvern għadu ma implimentax għadd ta' riformi importanti li huma ta' rilevanza diretta għall-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem taħt l-SĠP+, b'mod partikolari t-tħassir tal-Att dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, l-iżgurar ta' salvagwardji legali fundamentali u l-indirizzar tal-użu tat-tortura.

¹⁰ L-Artikolu 15(2) tar-Regolament SĠP (Regolament (UE) Nru 978/2012)

biex jiġu kkonsultati s-CSOs u jinġabru l-kummenti u l-opinjoni tagħhom¹¹.

Il-Parlament Ewropew (PE) u l-Kunsill huma involuti b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-SĠP+ u fil-monitoraġġ tal-konformità tal-benefiċjarji. Jiġu organizzati laqgħat regolari mal-Istati Membri fil-format tal-Grupp Espert dwar l-SĠP u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-SĠP tal-Kunsill. Kwistjonijiet diskussi mal-esperti tal-Istati Membri kienu jinkludu t-tweġibiet għall-iskedi ta' valutazzjoni li waslu mingħand il-benefiċjarji tal-SĠP+ u għbir ta' informazzjoni dwar il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+.

Matul il-perjodu 2016-2017, il-Kumitat tal-PE dwar il-Kummerċ Internazzjonali (INTA) organizza diversi skambji ta' fehmiet dwar l-SĠP, inkluż dwar il-progress minn benefiċjarji tal-SĠP+, żjarat ta' monitoraġġ u r-rwol tas-CSOs f'applikazzjonijiet tal-SĠP+. Il-Kummissjoni u s-SEAE bbenefikaw ukoll mill-involvement tad-delegazzjonijiet tal-PE f'missjonijiet lejn pajjiżi speċifiċi fl-SĠP+.

4.2.2. *Il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+*

Il-monitoraġġ tal-SĠP+ juża żewġ għodod interrelatati. L-ewwel hija l-"iskeda ta' valutazzjoni", li hija lista tal-aktar nuqqasijiet importanti identifikati mill-korpi ta' monitoraġġ internazzjonali rispettivi (jew kwalunkwe sors preċiż u affidabbli ieħor) għal kull konvenzjoni. Kull benefiċjarju tal-SĠP+ jirċievi tali skeda ta' valutazzjoni fis-sena u huwa mitlub iwieġeb għan-nuqqasijiet elenkati.

It-tieni għodda hija d-'djalogu dwar l-SĠP+' li tinkludi l-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+, li permezz tagħhom l-UE tinvolvi ruħha f'diskussjoni onesta u miftuħa mal-awtoritajiet dwar nuqqasijiet identifikati u azzjonijiet korrettivi. Matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017, il-Kummissjoni u s-SEAE wettqu missjonijiet ta' monitoraġġ fl-Armenja, fil-Bolivja, fil-Cape Verde, fil-Kirgiżistan, fil-Mongolja, fil-Pakistan, fil-Paragwaj, fil-Filippini u fis-Sri Lanka.

Il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+ ippermettew kuntatti diretti u ta' livell għoli ma' gvernijiet, ministeri u aġenziji, kif ukoll ma' negozji, NGOs lokali u CSOs. Saru laqgħat ta' koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tan-NU u tal-ILO preżenti fil-pajjiżi, bħall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP) u l-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC). Dan tejjeb il-fehim ġenerali fost il-partijiet interessati tas-

Il-Mongolja

Id-djalogu u l-appoġġ dwar l-SĠP+ provduti permezz ta' proġett tal-ILO ffinanzjat mill-UE ħeġġu lill-Mongolja tirrevedi l-Liġi tax-Xogħol tagħha. Il-Mongolja approvat Programm Nazzjonali dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex sal-2021 jiġu żviluppati politiki sensittivi għall-ġeneru. Il-Kodiċi Kriminali li għadu kif ġie adottat jipprovi definizzjoni ta' 'tortura' f'konformità mal-Konvenzjoni kontra t-Tortura. Il-possibilità tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-piena tal-mewt u l-prevalenza tal-korruzzjoni, li għandhom impatt mifrux fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, huma ta' tħassib serju.

Il-Filippini

Ġie nnutat progress f'oqsma bħall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, it-traffikar tal-persuni, id-drittijiet tax-xogħol, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet soċjoekonomiċi u ta' protezzjoni tal-ambjent. Il-President Duterte iffirma l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Filippini, li issa qiegħed quddiem is-Senat għall-approvazzjoni. Madankollu, il-qtill extraġudizzjarju, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra d-drogi illegali, u l-impunità relatata jibqa' ta' tħassib serju, kif ukoll l-introduzzjoni mill-ġdid tal-piena tal-mewt u t-tnaqqis tal-età ta' responsabbiltà kriminali.

¹¹ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/august/tradoc_155993.07.17%20report%20for%20web%20page.pdf

sistema tal-SĠP+ u tal-impenn speċifiku ta' kull benefiċjarju tal-SĠP+, li ffaċilita wkoll il-ġbir ta' kontribut minn partijiet interessati ewlenin fuq il-post.

Il-partijiet interessati lokali għandhom rwol importanti biex jinsistu li l-awtoritajiet reġjonali u ċentrali jissodisfaw l-impenji tagħhom tal-SĠP+. B'mod partikolari, bħala benefiċjarji diretti ta' preferenzi tariffarji, in-negozji huma mistennija jappoġġjaw lill-awtoritajiet fl-implimentazzjoni tas-27 konvenzjoni rilevanti.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Kirgiżistan (Ġunju 2016)

Peress li l-Kirgiżistan kien ilu biss minn Jannar 2016 li ssejeb fl-SĠP+, il-missjoni kienet iddedikata għall-introduzzjoni tal-SĠP+ u għall-monitoraġġ preliminari. Il-laqgħat konsekuttivi ta' monitoraġġ dwar l-SĠP+ flimkien mad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem wrew li kienu ferm effettivi, peress li dan tal-aħħar indirizza wkoll kwistjonijiet rilevanti tal-SĠP+ bħall-prevenzjoni tat-tortura u l-maltrattament f'faċilitajiet ta' detenzjoni u ħidma għat-titjib tar-relazzjonijiet interetniċi, il-għlieda kontra d-diskriminazzjoni, it-tnaqqas tal-prattika ta' sekwestru tal-għarusa u titjib fid-drittijiet tat-tfal. In-negozji kienu ħerqana jitgħallmu dwar il-vantaġġi ekonomiċi tal-SĠP+.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Bolivja (Ġunju 2016)

It-tħaddim tat-tfal ġie diskuss, bħala kwistjoni ta' prijorità għolja, b'attenzjoni partikolari fuq it-tnaqqis tal-età tax-xogħol għat-tfal. Bl-akbar proporzjon ta' nies indiġeni fl-Amerika t'Isfel (madwar 66 % tal-popolazzjoni totali), id-dritt tal-popli indiġeni għal konsultazzjoni minn qabel u l-kunsens infurmat dwar aċċess għall-art kien enfasizzat ukoll.

Il-Missjoni ta' SĠP+ għal Cape Verde (Lulju 2017)

Ir-rekord ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem ta' Cape Verde jkompli jkun wieħed pożittiv. Kwistjonijiet persistenti jinkludu l-vjolenza sessista, id-drittijiet tat-tfal u d-dewmien fir-rapportar. Fir-rigward tal-aħħar kwistjoni, il-Cape Verde qed jaġġmel sforzi notevoli biex jindirizza dan f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ILO fi proġett ta' bini tal-kapaċità ffinanzjat mill-UE.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Paragwaj (Ġunju 2016)

Inizjattivi pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem jinkludu t-twaqqif tas-Sistema ta' Monitoraġġ dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (SIMORE) bl-appoġġ tal-OHCHR. It-tħaddim tat-tfal, b'mod partikolari marbut mal-prattika ta' "criadazgo" (xogħol domestiku) ġie diskuss waqt il-missjoni bħala waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Pakistan (Novembru 2016)

It-tieni missjoni tal-SĠP+ innotat żviluppi pożittivi fil-qasam istituzzjonali (eż. l-istabiliment tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem) u leġiżlattivi (eż. l-adozzjoni ta' liġijiet kontra l-istupru u kontra l-qtil tal-unur). Fl-istess ħin, għad fadal sfidi serji, inkluż dwar id-drittijiet tan-nisa, tat-tfal u tal-minoranzi, dwar il-libertà ta' espressjoni, l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, it-tortura u l-kapaċità ta' implimentazzjoni u ta' infurzar tal-leġiżlazzjoni.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Filippini (Jannar - Frar 2017)

Ġew innotati żviluppi pożittivi f'oqsma bħall-ugwaljanza bejn is-sessi, it-traffikar tal-bnedmin, id-drittijiet tax-xogħol, is-saħħa riproduttiva u l-ħarsien tal-ambjent. Il-progress dwar kwistjonijiet ewlenin jiddependi fuq il-leġiżlazzjoni li għadha pendent fil-Kungress. Għad hemm tħassib serju dwar il-mod kif titmexxa l-kampanja kontra d-drogi illeċiti, b'mod partikolari dwar id-dritt għall-ħajja, is-salvagwardji legali, investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, dwar il-kooperazzjoni mal-mekkaniżmi tan-NU kif ukoll dwar l-possibilità tar-riintroduzzjoni tal-piena tal-mewt u l-possibilità tat-tnaqqis tal-età ta' responsabbiltà kriminali.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Mongolja (Marzu 2017)

L-ewwel żjara ta' monitoraġġ tal-SĠP+ innotat żviluppi leġiżlattivi pożittivi, bħad-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi Kriminali l-ġdid, il-Liġi riveduta dwar il-Vjolenza Domestika u l-Liġi dwar il-Protezzjoni tat-Tfal u l-Liġi dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Il-Mongolja għamlet progress tajjeb fir-rapportar tal-ILO bl-għajnuna ta' proġett ifffinanzjat mill-UE. Il-Mongolja għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-kapaċità tagħha li taħsad il-benefiċċji kummerċjali kollha tal-SĠP+.

Il-missjoni ta' SĠP + għall-Armenja (Ġunju 2017)

L-aktar kwistjonijiet importanti li għandhom jiġu ttrattati mill-Armenja ġew diskussi fid-dettall, inkluża l-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-2014-2016 u tal-2017-2019, il-preżentazzjoni lill-Parlament tal-Kodiċi Ġudizzjarju ġdid, tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi Proċedurali Kriminali, liġi awtonoma kontra l-vjolenza domestika u liġi komprensiva kontra d-diskriminazzjoni f'konformità ma' standards internazzjonali, il-ħtieġa li (terġa') tiġi stabbilita sistema ta' spezzjoni tax-xogħol u li jsir progress lejn status ta' Kategorija 1 skont il-Konvenzjoni CITES.

Il-missjoni ta' SĠP+ għas-Sri Lanka (Settembru 2017)

L-ewwel missjoni ta' monitoraġġ wara li s-Sri Lanka nġhatat l-SĠP+ f'Mejju 2017, li kienet tinkludi wkoll żjara f'Jaffna, innotat li b'mod ġenerali s-Sri Lanka qed tagħmel progress fl-implimentazzjoni tas-27 konvenzjoni. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jitħassar l-Att dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu, jiġi indirizzat l-użu prevalenti tat-tortura, tingħata spjegazzjoni dwar l-għejbien infurzat, tintradd lura l-art f'eks żoni ta' kunflitt u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra t-trade unions u prattiki inġusti ta' xogħol.

4.3. Assistenza teknika u proġetti ta' żvilupp

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni u l-ILO wettqu proġetti speċifiċi tal-SĠP+¹² sabiex jagħtu l-appoġġ tagħhom għall-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' implimentazzjoni tal-ILO fil-pajjiżi fl-SĠP+ li ġejjin: l-Armenja, il-Cape Verde, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Paragwaj u l-Filippini. Dawn il-proġetti se ikomplu matul is-sentejn li ġejjin.

Fl-Armenja, fil-Paragwaj u fil-Filippini, l-enfasi kienet fuq it-tiġh tal-kapaċità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi biex japplikaw b'mod effettiv il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. Fil-Cape Verde, l-ILO għenet l-amministrazzjoni lokali tippreżenta r-rapporti pendenti tal-ILO. Fil-Pakistan, l-oġettiv ewlieni kien li jingħata appoġġ għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u inizjattivi ta' implimentazzjoni relatati dwar l-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u tax-xogħol furzat. Fil-Mongolja, minbarra l-bini tal-kapaċità għal rapportar f'waqtu, l-ILO għenet fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni mal-Konvenzjoni tal-ILO dwar id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegożjar Kollettiv.

Il-punti ewlenin tal-proġetti tal-UE-ILO fil-pajjiżi SĠP+

Cape Verde

Fil-Cape Verde, l-azzjoni tal-UE dwar l-SĠP+ tejbet is-sensibilizzazzjoni dwar il-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO fost il-kostitwenti tripartitiċi (il-gvern, min iħaddem u l-ħaddiema). Ippromwoviet ukoll diskussjonijiet tripartitiċi dwar il-leġiżlazzjoni fid-dawl tal-kummenti magħmula mill-korpi superviżorji tal-ILO. Barra minn hekk, issa r-rapporti tal-Cape Verde dwar il-Konvenzjonijiet 87 u 98 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt ta' organizzazzjoni u tal-innegożjar kollettiv huma aġġornati. L-imsieħba soċjali saru aktar konxji mir-rwol tagħhom u huma mgħammra aħjar biex jindirizzaw il-kummenti tal-korpi superviżorji tal-ILO.

Il-Mongolja

Il-proġett tal-UE-ILO għen lill-Mongolja ttejjeb il-konformità u r-rapportar skont l-Istandards Internazzjonali tax-Xogħol (ILS). Il-proġett irrieżamina t-traduzzjoni Mongoljana tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u għen lill-Mongolja tifhem aħjar l-impenji tagħha. Il-proġett wassal ukoll għal konsultazzjonijiet tripartitiċi dwar ir-reviżjoni tal-Liġi tax-Xogħol, li issa hija allinjata aħjar mal-prinċipji u mad-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol. Permezz ta' nota politika dwar l-ILS u l-kummerċ bl-Ingliż u bil-Mongoljan, kif ukoll djalogi u sessjonijiet ta' ħidma ta' livell għoli, il-Gvern, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem tejbju l-fehim tagħhom dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol. Grazi għall-assistenza teknika, il-Mongolja issa hija aġġornata fir-rapportar tagħha tal-ILS.

Il-Pakistan

¹² http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/july/tradoc_155843.pdf

L-inizjattiva tal-bini tal-kapaċità ffinanzjata mill-UE ppermettiet lid-dipartimenti federali u provinċjali tax-xogħol itejbu r-rapportar tagħhom dwar il-Konvenzjonijiet ratifikati tal-ILO. Is-sessjonijiet ta' ħidma tal-ILO li saru f'Jannar, fi Frar u f'April 2017 ikkontribwew għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali fil-Kumitati Konsultattivi Tripartitiċi Federali u Provinċjali. Waqt is-sessjonijiet ta' ħidma, id-dipartimenti tax-xogħol iltaqgħu ma' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema biex itejbu l-fehim tagħhom dwar l-istandards fundamentali tax-xogħol.

Bħala parti mill-azzjoni tal-UE dwar l-SĠP+ u bi tveġiba għal responsabbiltajiet leġiżlattivi ġodda delegati, l-ILO offriet ukoll appoġġ tekniku speċifiku lill-Gvern tal-Balochistan fl-abbozzar ta' sett ta' liġijiet riveduti tax-xogħol. Saru konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali biex jiġi żgurat li l-liġijiet ikunu allinjati aħjar mal-prinċipji tal-ILO.

Il-Filippini

L-azzjoni tal-UE dwar l-SĠP+ fil-Filippini ffokat fuq il-ħolqien ta' ambjent li jwassal għal-libertà ta' assoċjazzjoni u tal-inneozjar kollettiv, wara r-rakkomandazzjonijiet ta' Missjoni ta' Kuntatt Dirett tal-ILO fi Frar 2017. L-azzjoni tal-UE dwar l-SĠP+ ippermettiet diskussjonijiet bejn id-dipartiment tax-xogħol u l-imsieħba soċjali, li wasslu għal manifest tripartitiku b'impenn lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji tal-libertà ta' assoċjazzjoni u tan-negożjar kollettiv u għall-ħolqien ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali għal dan il-għan.

Barra minn hekk, fl-2017, fil-pajjiżi kollha fl-SĠP+ ġew immedija proġetti bil-għan li tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni tas-CSOs lokali¹³ u tal-imsieħba soċjali fl-SĠP+. Matul l-2017, it-timijiet tal-proġett mexxew missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet ewlenin għall-proġetti tagħhom, li se jsiru mas-CSOs lokali. Matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss, il-Kummissjoni se tkompli tqis modi kif tista' tappoġġja lill-benefiċjarji permezz ta' għarfien espert, assistenza teknika u proġetti speċifiċi dwar il-bini tal-kapaċità.

4.4. Meħmuż ma' dan ir-Rapport: Dokument ta' Ħidma tal-Persunal dwar l-SĠP+

Bħar-rapport dwar l-SĠP tal-2016, dan it-tieni rapport biennali dwar l-SĠP huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) dwar l-SĠP+. L-SWD jipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-konformità ta' benefiċjarji individwali tal-SĠP+ mal-obbligi tagħhom skont l-SĠP+ għal kull grupp: id-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, l-ambjent u l-governanza tajba. Jivvaluta l-progress, in-nuqqasijiet, l-azzjonijiet futuri u l-prijoritajiet għall-kisba tal-implimentazzjoni effettiva tas-27 konvenzjoni ewlenija.

4.5. Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu

Skont ir-Regolament SĠP¹⁴, il-Kummissjoni għandha tippreżenta Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu dwar l-applikazzjoni tar-Regolament SĠP lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament SĠP. Dan ir-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu għandu jivvaluta jekk ir-

¹³ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/july/tradoc_155843.pdf

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

Regolament SĠP jilħaqx l-oġġettivi tiegħu. Il-konklużjonijiet tiegħu se jitqiesu għat-ffassil tal-SĠP li jmiss. Ir-rapport huwa mistenni li jiġi adottat matul l-ewwel semestru tal-2018.

5. KONKLUŻJONIJIET

Ir-rapport biennali dwar l-SĠP isegwi l-implimentazzjoni tal-iskema attwali tal-SĠP minn meta bdew japplikaw il-preferenzi tariffarji tagħha f'Jannar 2014. L-SWD li jakkumpanjah jistabbilixxi s-sitwazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali u ambjentali fil-pajjiżi benefiċjarji tal-SĠP+ u jipprovdi pjattaforma għall-involviment tas-soċjetà ċivili mal-gvernijiet tal-pajjiżi benefiċjarji.

Matul iċ-ċiklu ta' monitoraġġ attwali, il-benefiċjarji tal-SĠP+ ġew imħeġġa biex jassumu dejjem aktar responsabbiltà għall-implimentazzjoni tas-27 konvenzjoni u biex ikunu aktar proattivi fl-indirizzar tal-kwistjonijiet elenkati fl-iskedi ta' valutazzjoni u mqajma waqt il-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-SĠP+.

Il-Kirgiżistan, li ssieħeb fl-SĠP+ f'Jannar 2016, jissemma għall-ewwel darba f'dan ir-rapport. Is-Sri Lanka reġgħet issieħbet fl-SĠP+ f'Mejju 2017, u għalhekk il-perjodu ta' monitoraġġ ikopri inqas minn 6 xhur. Fl-Armenja, il-missjoni ta' monitoraġġ uriet li hija mod siewi kif tiġi involuta s-soċjetà ċivili lokali. Fin-nuqqas ta' rapporti reċenti lin-NU u lill-ILO, il-missjoni ta' monitoraġġ fil-Cape Verde kienet kruċjali biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tal-UE. Il-missjoni ta' monitoraġġ fil-Filippini kienet opportunità għall-UE biex tesprimi t-tħassib tagħha dwar l-iżviluppi reċenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tirrikonoxxi wkoll il-progress dwar id-drittijiet tax-xogħol u l-politiki soċjoekonomiċi. Fil-Paragwaj u fil-Bolivja, il-kwistjoni tat-tħaddim tat-tfal ġiet diskussa b'mod miftuħ bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-ILO u l-UNICEF. Il-Georgia tisemma' għall-aħħar darba wara t-tneħħija gradwali tagħha mill-SĠP+ minħabba d-DCFTA tagħha mal-UE.

B'mod ġenerali, il-monitoraġġ tal-SĠP+ ipprovda approċċ strutturat u bażi soda għall-valutazzjoni ta' kull benefiċjarju tal-SĠP+, li jibni fuq is-sejbiet tal-korpi ta' monitoraġġ tan-NU u tal-ILO u fuq l-informazzjoni provduta minn partijiet terzi, fosthom is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Il-monitoraġġ tal-SĠP+ huwa integrat bis-sħiħ fil-qafas u fid-djalogi bilaterali tal-UE, inklużi d-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. B'mod partikolari, l-SĠP+ appoġġat pajjiżi bħall-Pakistan, is-Sri Lanka, il-Mongolja u l-Bolivja biex jintensifikaw l-involviment tagħhom fid-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE. Fl-istess ħin, id-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ipprovdeu pjattaforma għad-diskussjoni tad-drittijiet tal-bniedem relatati mal-SĠP+. L-SĠP+ tejbet is-sinerġiji u wasslet għal ingranaġġ li jsaħħaħ iż-żewġ għodod b'mod reċiproku.

Filwaqt li l-SĠP+ hija għodda importanti li tippermetti li jiġi indirizzat it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol fil-pajjiżi benefiċjarji, l-UE hija impenjata li tuża l-politiki u l-istrumenti rilevanti kollha biex tappoġġjahom fil-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u ta' governanza tajba tagħhom. Minħabba n-natura ta' dawn il-kwistjonijiet u l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet strutturali u dejjiema, l-involviment fl-SĠP+ jirrikjedi impenn kostanti fit-tul kemm mill-UE kif ukoll mill-pajjiżi benefiċjarji.

Il-perjodu ta' rapportar li jmiss li jkopri l-2018 u l-2019 se jitnieda b'ċiklu biennali ġdid ta' skedi ta' valutazzjoni u missjonijiet ta' monitoraġġ fl-ewwel nofs tal-2018. Sal-aħħar

tal-2019, il-Kummissjoni se tippreżenta t-tielet rapport biennali tagħha dwar l-SĠP lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'attenzjoni partikolari fuq il-valutazzjoni tax-xejriet fil-benefiċjarji kollha tal-SĠP+.

6. BENEFIĊJARJI TAL-ISKEMA TAL-SĠP STANDARD U TAL-ISKEMA TAL-EBA

Tabella 1 – Benefiċjarji tal-SĠP+ Standard 2016-2017

	Benefiċjarji tal-SĠP+ Standard matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017	Tibdil fl-istatus tal-benefiċjarji matul l-2016-2017
1.	Il-Kamerun	Telaq mill-iskema fl-1 ta' Jannar 2017
2.	Il-Gżejjer Cook	
3.	Il-Kosta tal-Avorju	
4.	Fiġi	Telqu mill-iskema fl-1 ta' Jannar 2017
5.	Il-Ghana	
6.	L-Indja	
7.	L-Indoneżja	
8.	L-Iraq	Telqu mill-iskema fl-1 ta' Jannar 2017
9.	Il-Kenja	
10.	Il-Gżejjer Marshall	Telqu mill-iskema fl-1 ta' Jannar 2017
11.	Il-Mikroneżja (l-Istati Federali ta')	
12.	Nauru	
13.	In-Niġerja	
14.	Niue	
15.	Ir-Repubblika tal-Kongo	
16.	Is-Sri Lanka	Telqu mill-iskema fit-18 ta' Mejju 2017 wara l-Istatus ta' SĠP+
17.	Is-Swaziland	
18.	Is-Sirja	
19.	It-Taġikistan	
20.	Tonga	
21.	L-Ukrajna	Se jitolqu mill-iskema fl-1 ta' Jannar 2018
22.	L-Uzbekistan	
23.	Il-Vjetnam	

Tabella 2 – Benefiċjarji tal-SĠP+ 2016-2017

	Benefiċjarji tal-SĠP+ Standard matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017	Bidliet fl-istatus tal-benefiċjarji tal-SĠP+ matul l-2016-2017
1.	L-Armenja	
2.	Il-Bolivja	
3.	Cape Verde	
4.	Il-Georgia	Telqu mill-iskema fl-1 ta' Jannar 2017
5.	Il-Kirgiżistan	Issieħbu fl-iskema fis-27 ta' Jannar 2016
6.	Il-Mongolja	
7.	Il-Pakistan	
8.	Il-Paragwaj	
9.	Il-Filippini	
10.	Is-Sri Lanka	Issieħbu fl-iskema fit-18 ta' Mejju 2017

Tabella 3 – Benefiċjarji tal-EBA 2016-2017

Benefiċjarji tal-EBA matul il-perjodu ta' rapportar 2016-2017			
1.	L-Afganistan	27.	Il-Mauritania
2.	L-Angola	28.	Il-Malawi
3.	Il-Bangladesh	29.	Il-Myanmar/Burma
4.	Il-Bhutan	30.	Il-Mozambique
5.	Il-Burkina Faso	31.	In-Nepal
6.	Il-Burundi	32.	In-Niġer
7.	Il-Benin	33.	Ir-Rwanda
8.	Il-Kambodja	34.	Samoa
9.	Iċ-Chad	35.	Sierra Leone
10.	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	36.	Is-Senegal
11.	(Ir-Repubblika) Ċentru-Afrikana	37.	Il-Gżejjer Solomon
12.	Il-Gżejjer ta' Comoros	38.	Is-Somalja
13.	Id-Djibouti	39.	Is-Sudan t'Isfel
14.	L-Eritrea	40.	Is-Sudan
15.	L-Etjopja	41.	São Tomé u Príncipe
16.	Il-Gambja	42.	It-Tanzanja
17.	Il-Guinea	43.	Timor Leste
18.	Il-Guinea Ekwatorjali	44.	It-Togo
19.	Il-Guinea-Bissau	45.	Tuvalu
20.	Il-Haiti	46.	L-Uganda
21.	Kiribati	47.	Vanuatu
22.	Il-Laos (ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Laos)	48.	Il-Jemen
23.	Il-Liberja	49.	Iż-Żambja
24.	Il-Lesoto		
25.	Il-Madagascar		
26.	Il-Mali		

7. TABELLI B'INFORMAZZJONI STATISTIKA LI TKOPRI L-PAJJIŻI LI JIBBENEFIKAW MILL-SĠP FL-1 TA' DIĊEMBRU 2016

Tabella 4 – Valur tal-importazzjonijiet preferenzjali għall-pajjiżi kollha fl-SĠP (f'eluf ta' EUR)

	2014				2015				2016			
	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni
SĠP Standard	136,293,050	37,617,869	27,712,803	74%	138,379,251	45,327,097	30,871,383	68%	130,968,548	47,080,530	31,661,403	67%
SĠP+	13,324,942	7,129,263	6,177,630	87%	15,476,883	8,413,704	7,153,681	85%	15,132,431	8,687,292	7,485,760	86%
EBA	37,500,741	19,614,129	17,058,019	87%	37,922,199	23,735,273	22,264,102	94%	36,175,387	25,573,515	23,534,339	92%
L-SĠP kollha	187,118,733	64,361,261	50,948,452	79%	191,778,333	77,476,074	60,289,166	78%	182,276,366	81,341,337	62,681,502	77%

Tabella 5 – Valur tal-importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE skont il-pajjiż fl-SĠP Standard (f'eluf ta' EUR)

SĠP Standard	2014				2015				2016			
	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni
	136,293,050	37,617,869	27,712,803	73.7%	138,379,251	45,327,097	30,871,383	68.1%	130,968,548	47,080,530	31,661,403	67.2%
Il-Kamerun	2,148,042	32,560	39	0.1%	1,781,293	150,204	12,054	8.0%	1,773,132	120,563	6,323	5.2%
Il-Kongo	1,523,993	82,830	67,269	81.2%	1,764,705	40,965	31,126	76.0%	1,048,910	34,069	14,331	42.1%
Il-Gżejjer Cook	1,496	97	61	62.8%	1,906	58	3	5.2%	8,660	246	31	12.7%
Fiġi	97,685	1,301	3	0.2%	85,504	5,532	421	7.6%	60,313	6,767	142	2.1%
Il-Ghana	2,864,884	150,575	127	0.1%	2,631,417	737,363	804	0.1%	2,287,705	683,385	868	0.1%
L-Indja	35,582,745	16,987,636	15,031,426	88.5%	37,822,096	18,910,730	16,698,497	88.3%	37,664,155	18,864,567	16,622,456	88.1%
L-Indoneżja	13,917,691	6,279,700	4,511,742	71.8%	14,672,861	7,176,336	5,017,542	69.9%	13,988,094	7,272,570	5,164,449	71.0%
L-Iraq	11,518,140	5,232	146	2.8%	12,100,516	7,918	2,080	26.3%	10,404,550	3,832	1,041	27.2%
Il-Kosta tal-Avorju	3,247,091	319,695	366	0.1%	4,241,390	1,287,254	3,261	0.3%	4,523,986	1,294,501	2,070	0.2%
Il-Kenja	1,140,708	190,922	138,111	72.3%	1,302,367	864,017	19,935	2.3%	1,268,292	869,747	16,345	1.9%
Il-Gżejjer Marshal	146,012	423	-	0.0%	116,787	505	-	0.0%	186,992	20,856	-	-
Il-Mikroneżja	612	171	127	74.3%	538	509	215	42.3%	452	444	112	25.3%
Nauru	82	31	-	0.0%	626	175	-	0.0%	95	53	-	0.0%
In-Niġerja	27,792,156	207,878	135,410	65.1%	18,402,503	129,416	94,963	73.4%	10,833,197	158,137	102,210	64.6%
Niue	127	108	1	0.8%	227	10	0	1.0%	267	181	-	0.0%
Is-Sri Lanka*	2,163,151	1,799,337	1,073,969	59.7%	2,337,415	1,966,849	1,078,955	54.9%	2,395,894	2,022,993	1,105,615	54.7%
Is-Swaziland	150,572	5,140	46	0.9%	133,591	19,474	109	0.6%	121,857	21,069	56	0.3%
Is-Sirja	85,008	25,209	3,443	13.7%	80,265	25,358	4,405	17.4%	49,463	20,213	8,911	44.1%
It-Taġikistan	52,422	14,897	10,571	71.0%	46,363	12,107	11,286	93.2%	81,953	12,953	11,823	91.3%
Tonga	906	71	54	75.9%	379	136	95	70.3%	863	125	35	28.2%
L-Ukrajna	12,003,711	2,495,103	1,473,299	59.0%	11,309,183	2,676,266	1,185,545	44.3%	11,604,889	3,379,200	1,400,536	41.4%
L-Uzbekistan	146,175	75,976	60,465	79.6%	117,222	69,750	57,747	82.8%	117,529	86,579	74,625	86.2%
Il-Vjetnam	21,709,640	8,942,978	5,206,129	58.2%	29,430,096	11,246,165	6,652,339	59.2%	32,547,301	12,207,480	7,129,422	58.4%

*SĠP + mit-18 ta' Mejju 2017

Tabella 6 – Valur tal-importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE skont il-pajjiż fl-EBA (f'eluf ta' EUR)*

EBA	2014				2015				2016			
	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni
	37,500,741	19,614,129	17,058,019	87.0%	37,922,199	23,735,273	22,264,102	93.8%	36,175,387	25,573,515	23,534,339	92.0%
L-Afganistan	35,033	16,943	6,966	41.1%	25,208	6,164	3,691	59.9%	18,932	5,680	2,855	50.3%
L-Angola	9,361,175	50,117	20,937	41.8%	7,153,713	39,948	18,089	45.3%	4,156,215	69,812	30,828	44.2%
Il-Bangladesh	12,320,951	12,259,151	11,776,557	96.1%	15,085,588	15,017,416	14,642,919	97.5%	16,355,547	16,292,347	15,614,030	95.8%
Il-Benin	44,864	12,270	11,246	91.7%	45,236	5,535	3,968	71.7%	39,234	5,123	4,817	94.0%
Il-Bhutan	14,927	14,790	14,416	97.5%	48,501	16,726	16,102	96.3%	2,606	2,140	1,884	88.0%
Il-Burkina Faso	111,601	11,697	9,849	84.2%	58,116	11,204	9,576	85.5%	109,132	10,911	9,899	90.7%
Il-Burundi	21,359	414	86	20.7%	38,785	362	322	89.0%	31,850	291	260	89.3%
Il-Kambodja	3,019,263	3,008,589	2,778,838	92.4%	4,060,331	4,005,450	3,772,302	94.2%	4,571,947	4,505,346	4,177,745	92.7%
Ir-Repubblika Ċentru-Afrika	6,253	181	157	87.0%	12,044	58	3	4.6%	16,544	596	6	1.1%
Iċ-Chad	13,789	319	-	0.0%	108,771	616	-	0.0%	114,696	1,003	-	0.0%
Comoros	10,640	6,782	1,536	22.6%	10,947	5,605	5,487	97.9%	15,655	7,505	7,168	95.5%
Il-Kongo (ir-Repubblika De	1,003,279	8,202	6,240	76.1%	481,672	10,079	5,181	51.4%	740,378	5,977	3,566	59.7%
Id-Djibouti	8,233	3,771	62	1.6%	13,103	2,635	-	0.0%	23,592	5,557	211	3.8%
Il-Guinea Ekwatorjali	3,643,048	227,486	210,568	92.6%	1,931,886	45,310	33,132	73.1%	1,237,764	22,825	19,052	83.5%
L-Eritrea	8,234	2,505	2,378	94.9%	41,742	2,498	2,294	91.9%	13,108	2,172	2,031	93.5%
L-Etjopja	550,548	252,196	248,726	98.6%	676,177	333,655	256,378	76.8%	711,534	399,735	245,195	61.3%
Il-Gambja	17,627	9,276	8,561	92.3%	16,900	11,472	11,261	98.2%	14,077	10,535	9,933	94.3%
Il-Guinea	454,347	1,648	658	39.9%	644,545	1,566	740	47.3%	522,968	2,647	811	30.7%
Il-Guinea-Bissau	3,329	12	-	0.0%	1,985	1,047	-	0.0%	1,602	404	-	0.0%
Il-Haiti	31,331	17,794	3,324	18.7%	33,006	14,017	12,483	89.1%	39,015	15,527	13,343	85.9%
Kiribati	53	32	25	76.8%	142	59	-	0.0%	152	97	-	0.0%
Il-Laos	222,578	195,086	191,073	97.9%	235,114	195,855	189,968	97.0%	234,482	177,167	169,889	95.9%
Il-Lesoto	247,359	1,566	484	30.9%	254,450	1,993	1,411	70.8%	207,530	2,889	2,047	70.9%
Il-Liberja	284,022	3,400	423	12.4%	187,013	585	-	0.0%	273,678	4,342	379	8.7%
Il-Madagaskar	826,063	534,460	21,331	4.0%	922,271	573,703	4,774	0.8%	934,020	702,449	9,850	1.4%
Il-Malawi	289,986	266,631	251,596	94.4%	321,254	287,017	270,725	94.3%	267,862	215,102	214,041	99.5%
Il-Mali	39,253	4,400	3,628	82.5%	39,323	5,510	4,176	75.8%	36,620	5,730	4,776	83.3%
Il-Mauritania	544,977	172,679	164,746	95.4%	475,350	221,069	212,175	96.0%	427,029	224,212	217,873	97.2%
Il-Mozambique	1,346,297	1,143,588	292,715	25.6%	1,423,821	1,170,217	1,137,842	97.2%	1,301,696	970,577	964,758	99.4%
Il-Myanmar	355,447	313,704	298,065	95.0%	645,322	562,714	534,806	95.0%	971,484	875,939	827,432	94.5%
In-Nepal	86,408	77,883	72,205	92.7%	97,418	86,983	80,420	92.5%	94,310	83,407	77,089	92.4%
In-Niġer	118,520	2,958	1,931	65.3%	116,763	3,308	2,726	82.4%	116,135	3,692	3,080	83.4%
Ir-Rwanda	46,415	538	107	20.0%	63,219	937	647	69.0%	51,351	1,991	948	47.6%
Samoa	1,076	867	310	35.8%	2,271	1,778	224	12.6%	1,882	1,475	293	19.9%
São Tomé u Príncipe	7,999	175	112	64.0%	8,414	141	98	69.0%	10,382	183	98	53.5%

* 'Importazzjonijiet totali' tkopri l-importazzjonijiet kollha, inklużi prodotti li jibbenefikaw awtomatikament mit-tariffi żero tan-nazzjon l-aktar iffavorit ('MFN'). 'Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-EBA' jirreferu biss għal dawk il-prodotti taħt l-iskema tal-EBA, li ma jibbenefikawx b' mod ieħor mid-dazju żero tal-MFN.

Tabella 6 (tkompli) — Valur tal-importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE skont il-pajjiż fl-EBA (f'eluf ta' EUR)*

EBA	2014				2015				2016			
	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni
Is-Senegal	391,649	281,694	276,858	98.3%	411,225	293,897	286,079	97.3%	416,309	266,077	255,260	95.9%
Sierra Leone	220,043	480	80	16.6%	238,444	3,939	3,280	83.3%	223,681	1,796	533	29.7%
Il-Gżejjer Solomon	62,985	62,069	61,950	99.8%	68,308	67,718	66,356	98.0%	53,495	52,945	52,848	99.8%
Is-Somalja	2,589	122	6	4.7%	8,587	117	-	0.0%	13,047	569	15	2.7%
Is-Sudan t'Isfel	117	32	-	0.0%	182	52	-	0.0%	304	106	70	66.7%
Is-Sudan	204,463	107,837	101,344	94.0%	211,637	83,319	81,717	98.1%	182,874	23,463	22,751	97.0%
It-Tanzanija	588,179	281,806	119,833	42.5%	686,687	356,266	346,966	97.4%	620,682	323,841	317,287	98.0%
Timor Leste	11,955	43	-	0.0%	5,984	47	-	0.0%	5,369	71	-	0.0%
It-Togo	83,505	20,254	19,154	94.6%	70,005	21,854	20,093	91.9%	102,321	33,250	24,095	72.5%
Tuvalu	513	476	-	0.0%	512	454	-	0.0%	51	28	-	0.0%
L-Uganda	447,656	149,922	31,573	21.1%	488,899	157,883	154,426	97.8%	444,743	150,527	148,279	98.5%
Vanuatu	1,842	403	334	82.8%	11,748	4,512	414	9.2%	3,334	1,475	370	25.1%
Il-Jemen	83,951	10,574	8,268	78.2%	17,461	7,077	3,016	42.6%	18,623	6,285	4,574	72.8%
Iż-Żambja	305,011	76,308	38,765	50.8%	422,117	94,907	67,838	71.5%	425,544	77,696	72,067	92.8%

Tabella 7 – Valur tal-importazzjonijiet preferenzjali lejn l-UE skont il-pajjiż fl-SĠP+ (f'eluf ta' EUR)*

SĠP+	2014				2015				2016			
	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni	Importazzjonijiet totali	Importazzjonijiet eliġibbli taħt l-SĠP	Importazzjonijiet preferenzjali taħt l-SĠP	Rata ta' utilizzazzjoni
	13,324,942	7,129,263	6,177,630	86.7%	15,476,883	8,413,704	7,153,681	85.0%	15,132,431	8,687,292	7,485,760	86.2%
L-Armenja	192,932	47,343	42,435	89.6%	268,322	115,211	103,588	89.9%	310,034	116,432	107,772	92.6%
Il-Bolivja	518,567	107,094	102,577	95.8%	596,432	84,340	80,755	95.7%	529,748	58,705	55,225	94.1%
Cape Verde	96,849	55,897	54,716	97.9%	63,283	53,279	51,519	96.7%	70,595	68,077	65,690	96.5%
Il-Georgia	621,360	213,860	100,401	46.9%	688,607	312,638	31,302	10.0%	513,241	244,174	6,562	2.7%
Ir-Repubblika Kirgiża	68,806	12,000	8,248	68.7%	48,834	10,089	6,581	65.2%	72,291	6,091	3,245	53.3%
Il-Mongolja	71,146	17,952	15,101	84.1%	80,086	18,732	16,277	86.9%	64,237	18,210	15,286	83.9%
Il-Pakistan	5,390,009	4,775,255	4,557,142	95.4%	5,953,902	5,450,261	5,235,525	96.1%	6,197,304	5,775,157	5,521,262	95.6%
Il-Paragwaj	1,098,733	72,824	69,349	95.2%	1,057,067	46,567	42,275	90.8%	1,074,715	41,912	36,736	87.7%
Il-Filippini	5,266,541	1,827,039	1,227,661	67.2%	6,720,351	2,322,588	1,585,860	68.3%	6,300,265	2,358,534	1,673,980	71.0%